Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Diċembru 2016**
**(OR. en)**

**14895/2/16**
**REV 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2013/0140 (COD)**

**CODEC 1748**
**AGRI 637**
**VETER 131**
**AGRILEG 183**
**ANIMAUX 29**
**SAN 409**
**DENLEG 86**
**PHYTOSAN 40**
**SEMENCES 18**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (EU) Nru 1151/2012, (EU) Nru 652/2014, (EU) 2016/429 u (EU) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) **(L-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fis-6 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[1].

[1] 9464/13+ADD1+ADD2

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Ottubru 2013[1]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Novembru 2013[2].

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014[3].

4. Waqt it-3487 laqgħa tiegħu fl-10 ta' Ottubru 2016, il-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward ir-Regolament imsemmi hawn fuq[4].

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dokumenti 10755/16 u 10755/16 ADD 1 bħala punt 'A' tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bid-delegazzjoni Awstrijaka tastjeni.

- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.

---

[1] ĠU C 67, 6.3.2014, p. 166.

[2] ĠU C 114, 15.4.2014, p. 96

[3] 8304/14

[4] Skont l-ittra tat-12 ta' Lulju 2016, mibgħuta mill-President tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.